

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/969**tal-15 ta' Ġunju 2016****li tistabbilixxi rekwiżiti standard ta' rapportar għal programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u s-sorveljanza ta' mard tal-annimali u żoonożi kofinanzjati mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/288/UE**

(notifikata bid-dokument C(2016) 3615)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(5) tiegħu.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari u mas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti għas-sottomissjoni u għall-kontenut tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi.
- (2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistipula li kull sena, sat-30 ta' April, għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri jridu jressqu lill-Kummissjoni rapport annwali tekniku u finanzjarju dettaljat li jkopri s-sena preċedenti.
- (3) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistipula li kull sena, sal-31 ta' Awwissu, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri jridu jressqu lill-Kummissjoni rapport finanzjarju intermedju.
- (4) L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistipula li kull sena, sat-30 ta' April, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri jridu jressqu lill-Kummissjoni talba għall-pagament dwar il-programmi implimentati matul is-sena preċedenti.
- (5) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/288/UE ⁽²⁾ jistipula li għall-programmi implimentati mill-1 ta' Jannar 2015 l-Istati Membri jridu jressqu rapporti intermedji u finali online billi jużaw il-mudelli elettroniċi standard korrispondenti pprovduti mill-Kummissjoni (ħlief għall-programmi marbuta ma' ċertu mard tal-akkwakultura).
- (6) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/288/UE jiddefinixxi l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta fir-rapporti.
- (7) Għall-konformità mal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u biex jistgħu jsiru l-modifiki meħtieġa jew jiġu inklużi aktar dettalji, għandhom jintużaw il-mudelli elettroniċi standard għal rapporti intermedji u finali, inkluż it-talbiet għal pagament, provduti fuq l-Internet fuq is-sit web tal-Kummissjoni għal programmi veterinarji dwar id-deni Afrikan tal-ħnieżer, l-influwenza avjarja, il-marda tal-ilsien blu, il-bruċellożi bovina, il-bruċellożi ovina u kaprina, id-deni klassiku tal-ħnieżer, ir-rabja, l-infezzjoni tas-Salmonella f'ċerti popolazzjonijiet ta' tjur, it-tuberkulożi bovina u l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Istati Membri u se

⁽¹⁾ ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/288/UE tat-12 ta' Mejju 2014 fir-rigward tar-rekwiżiti standard ta' rapportaġġ għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u mard żoonotiku tal-annimali kofinanzjati mill-Unjoni u li jirrevokaw id-Deċiżjoni 2008/940/KE (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 88).

tiddiskuti magħhom il-modifiki kollha meħtieġa tal-mudelli elettroniċi standard fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Il-mudelli elettroniċi standard riveduti, minbarra li huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni, se jintbagħtu lill-Istati Membri kollha mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Ġunju (rapporti intermedji) u sa mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Marzu (rapporti finali u talbiet għal pagamenti) tas-sena konċernata.

- (8) Għal mard ieħor mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi standard u għal mard tal-akkwakultura, l-użu tal-formoli standard mhux elettroniċi jitqies bħala l-għodda xierqa għall-preżentazzjoni tar-rapporti, minħabba l-għadd żgħir ta' programmi approvati f'dawn l-aħħar snin, li ma jeħtieġx l-iżvilupp ta' mudelli elettroniċi speċifiċi.
- (9) Fisem iċ-ċarezza għandha għalhekk titħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/288/UE u tinbidel b'din id-Deċiżjoni.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal programmi nazzjonali approvati għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u li jikkonċernaw id-deni Afrikan tal-ħnieżer, l-influenza avjarja, il-marda tal-ilsien blu, il-bruċellożi bovina, il-bruċellożi ovina u kaprina, id-deni klassiku tal-ħnieżer, ir-rabja, l-infezzjoni tas-*Salmonella* f'ċerti popolazzjonijiet ta' tjur, it-tuberkolożi bovina u l-encëfalopatiji sponġiformi, ir-rapporti annwali u intermedji (inkluż it-talbiet għall-pagament) għandu jkun fihom l-informazzjoni prevista fil-formoli msemmija fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rapporti intermedji u annwali msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jintbagħtu online bl-użu tal-mudelli elettroniċi standard korrispondenti stipulati fl-Annessi I u II.

Artikolu 3

Għal mard ieħor mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mudelli ta' rapporti fuq bażi *ad hoc* u ttiprovdihom lill-Istati Membri kkonċernati. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati bil-posta jew b'mezzi elettroniċi.

Għar-rapport annwali dwar mard tal-akkwakultura, l-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell korrispondenti stabbilit fl-Anness III u jibagħtu r-rapport bil-posta jew b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/288/UE hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tapplika għal preżentazzjonijiet ta' rapporti intermedji u ta' rapporti annwali, inkluż talbiet għal pagament, fir-rigward ta' programmi implimentati mill-2016.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Il-mudell pdf speċifiku li għandu jintuża għall-abbozzar u l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji tal-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DG SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm

ANNEX II

Il-mudell pdf speċifiku li għandu jintuża għall-abbozzar u l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali (inkluż it-talbiet għall-pagament) tal-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DG SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm

ANNEX III

Rekwiżiti standard għall-preżentazzjoni tar-rapporti annwali tal-programmi nazzjonali għall-qerda tal-mard tal-annimali tal-akkwakultura

Il-mard tal-annimali tal-akkwakultura konċernat:

- Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)
- Anemija infettiva tas-salamun (ISA)
- Marda tal-virus tal-erpeta tal-koi (KHV)
- Settiċemija emorraġika virali (VHS)
- Infezzjoni bil-*Marteilia refringens*
- Infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*
- Marda tal-ponot bojod fil-krustaċji

RAPPORT ANNWALI U APPLIKAZZJONI GĦALL-PAGAMENT GĦALL-PROGRAMMI TA' ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA

Stat Membru:

Sena ta' implimentazzjoni:

Marda/żoonożi ⁽¹⁾:

Il-kontenut u l-istruttura tar-rapport:

1. Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-qagħda epidemjoloġika, l-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet previsti skont il-programm u l-kosteffettività tal-programmi.
2. Dettalji dwar il-livell ta' ksb tal-miri stabbiliti fil-programm approvat u diffikultajiet tekniċi.
3. Mapep epidemjoloġiċi tal-infezzjonijiet u dejta oħra rilevanti dwar il-marda/l-attivitajiet.
4. Informazzjoni epidemjoloġika addizzjonali: informazzjoni dwar kwistjonijiet epidemjoloġiċi, tipi involuti, leżjonijiet misjuba fil-biċċerija jew fin-nekroskopija, eċċ.

A. RAPPORT TEKNIKU**1. Mard ^(a)**

1.1. Ħut	☐ IHN ☐ ISA ☐ KHV ☐ VHS
1.2. Molluski	☐ <i>Marteilia refringens</i> ☐ <i>Bonamia ostreae</i>
1.3. Krustaċji	☐ Marda tal-ponot bojod

^(a) Marda u speċi, jekk meħtieġ.**2. Informazzjoni ġenerali dwar il-programmi**

2.1. Awtorità kompetenti ^(a)	(*)
2.2. Organizzazzjoni, superviżjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-programm ^(b)	(*)
2.3. Durata tal-programm	(*)

^(a) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-istruttura, tal-kompetenzi, tad-dmirijiet u tas-setgħat tal-awtorità kompetenti jew tal-awtoritajiet kompetenti involuti.^(b) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-programm, kif ukoll deskrizzjoni tal-operaturi differenti involuti.⁽¹⁾ Marda jew żoonożi u l-ispeċi tal-annimal jekk meħtieġ.

3. Dejta dwar l-ittestjar tal-annimali

Stat Membru, żona jew kompartiment ^(a)

Marda:

Sena:

Farm jew żona tat-trobbija tal-molluski	Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' spezzjonijiet kliniċi	Temperatura tal-ilma waqt it-teħid ta' kampjuni/ l-ispezzjoni	Speċi preżenti fit-teħid tal-kampjuni	Speċi kkampjunati	Għadd ta' annimali kkampjunati (total u skont l-ispeċi)	Għadd ta' testijiet	Riżultati pożittivi ta' eżamijiet tal-laboratorju	Riżultati pożittivi ta' spezzjonijiet kliniċi
TOTAL								TOTAL	

^(a) Stat Membru, żona jew kompartiment kif definiti fil-programm approvat.

4. Dejta dwar farms tal-ittestjar jew żoni ta' trobbija

Marda:

Sena:

Stat Membru, żona jew kompartiment ^(a)	Għadd totali ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski ^(b)	Għadd totali ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski fil-programm	Għadd ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski vverifikati ^(c)	Għadd ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski pożittivi ^(d)	Għadd ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski ġodda pożittivi ^(e)	Għadd ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski depopulati	% ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski pożittivi depopulati	Annimali mneħħija u mormija ^(f)	INDIKATURI TA' MIRI		
									% ta' kopertura ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski	% ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski pożittivi prevalenza ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski tal-perjodu	% ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski ġodda pożittivi inċidenza ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski
1	2	3	4	5	6	7	$8 = (7/5) \times 100$	9	$10 = (4/3) \times 100$	$11 = (5/4) \times 100$	$12 = (6/4) \times 100$
Total											

^(a) Stat Membru, żona jew kompartiment kif definiti fil-programm approvat.

^(b) Għadd totali ta' farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski li jeżistu fl-Istat Membru, żona jew kompartiment kif definiti fil-programm approvat.

^(c) Verifika tfisser twettiq ta' test fil-livell tal-farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski fl-ambitu tal-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jiġi aġġornat l-istatus tas-saħħa tal-farm jew żona ta' trobbija tal-molluski. F'din il-kolonna, farm/żona ta' trobbija tal-molluski ma għandux jingħadd darbtejn, anki jekk dan ikun ġie ċċekkjat aktar minn darba.

^(d) Farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski li għandhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement min-numru ta' drabi li jkun għew ivverifikati l-farms jew iż-żoni ta' trobbija tal-molluski. Għandhom jitqiesu wkoll bħala farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski li nstabu pożittivi qabel il-perjodu rrapportat hawnhekk iżda li minn dakinnhar ma jkunux tbatllu, tnaddfu u għew imserrihin.

^(e) Farms jew żoni ta' trobbija tal-molluski li l-istatus tas-saħħa tagħhom fil-perjodu ta' qabel kienu, skont il-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14), kategorija I, kategorija II, kategorija III jew kategorija IV u li għandhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv f'dan il-perjodu.

^(f) Annimali $\times$ 1000 jew piż totali ta' annimali mneħħija u mormija.

B. RAPPORT DWAR L-ATTIVITAJIET U L-ISPEJJEŻ

Tabella A

Miżuri eliġibbli		Għadd ta' unitajiet	1 ^(a)	2 ^(a)	
			Finanzjament abbażi ta' kostijiet reali	Finanzjament permezz ta' forom simplifikati ta' għotjiet	
			Kost reali totali mitlub ^(c)	Kost ta' unità/Somma f'daqqa/ Ammont b'rata fissa (100 %)	Kost iddikjarat ^(b)
Ikkampjunar					
Għadd totali ta' kampjunar					
Ittestjar					
Ittestjar totali					
Tilqim					
Tilqim totali					
Kumpens					
Kumpens totali					
Miżuri eliġibbli oħra					
Total ta' miżuri oħra eliġibbli					
Total			3		4
AMMONT TOTALI MITLUB ^(c)					

^(a) Għal kull miżura eliġibbli imla jew il-kolonna 1 jew il-kolonna 2, skont il-metodu ta' kofinanzjament speċifikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament.

^(b) 100 % tal-kost ta' kull unità/somma f'daqqa/rata fissa definit immultiplikata bin-numru ta' unitajiet.

^(c) It-total ta' ċelloli 3 u 4.

Tabella B ^(a)Informazzjoni addizzjonali dwar il-kumpens ^(b)

Speċi ta' annimali	Annimali tal-akkwakultura depopolati ^(c)	Għadd/piż ta' annimali depopolati	Ammont totali mħallas għall-annimali kkumpensati	Ammont riċevut għall-annimali rkuprati
Total				

^(a) Tintela' biss fil-każ li l-kosti eliġibbli jinkludu l-ammonti ta' kumpens imħallas lis-sidien għall-annimali tagħhom li ġew imbiċċra jew maqtula/meqruda jew għall-prodotti tagħhom li ġew meqruda.

^(b) Id-dejta għandha tingħata fil-munita nazzjonali, VAT eskluża.

^(c) Meqruda (M) jew mibgħuta għall-konsum uman (KU).

C. Dikjarazzjoni ffirmata li takkumpanja r-rapport annwali

Stat Membru:

Programm:

Sena ta' implimentazzjoni:

Niċċertifikaw li

- l-attivitajiet iddikjarati ġew effettivament mwettqa u li n-nefqa ddikjarata saret tassew, ġiet akkontata b'eżattezza u hija eliġibbli skont il-programm approvat;
- id-dokumenti ta' sostenn kollha relatati mal-attivitajiet u n-nefqa huma disponibbli għall-ispezzjoni, jiġifieri biex jiġġustifikaw il-livell ta' kumpens għall-annimali;
- il-programm twettaq skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari skont ir-regoli dwar il-kompetizzjoni, l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi u l-għajnuna mill-Istat;
- ma ntalbet ebda kontribuzzjoni oħra mill-Unjoni għal dan il-programm, u d-dħul kollu mill-operazzjonijiet tal-programm ġie ddikjarat lill-Kummissjoni;
- il-proċeduri ta' verifika japplikaw, b'mod partikolari għall-verifika tal-akkuratezza tal-ammont tal-attivitajiet u n-nefqa ddikjarata, għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet.

Data

Isem u firma tad-direttur operattiv
